31998E0606

POŻIZZJONI KOMUNI
tas-26 t'Ottubru 1998
definita mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fuq il-kontribuzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-promozzjoni ta' non-proliferazzjoni u l-bini ta'fiduċja fir-reġjun tan-Nofs in-Nhar ta' l-Asja

(98/606/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu J.2 tiegħu,

Billi l-Kunsill Ewropew f'Cardiff fil-15 u s-16 ta' Ġunju 1998 adotta l-konklużjonijiet dwar il-provi nukleari ta' l-Indja u l-Pakistan;

Billi l-Kunsill adotta dikjarazzjonijiet dwar il-provi nukleari ta' l-Indja u l-Pakistan fil-25 ta' Mejju u fit-8-9 ta' Ġunju 1998;

Billi dawn il-konklużjonijiet u d-dikjarazzjonijiet, b'mod partikolari, ippretendew li kemm l-Indja u l-Pakistan jiffirmaw is-CTBT kif inhi u jieħdu passi biex jirratifikawha, jikkonfermaw pubblikament l-intenzjoni tagħhom li jeserċitaw kontrolli stretti fuq l-esportazzjoni ta' materjal, apparat u teknoloġija kkontrollata taħt il-Listi tal-Grupp Trigger tal-Fornituri Nukleari u ta' l-Użu Doppju u l-Anness dwar ir-Reġim tal-Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili, jidħlu f'irbit li la jimmontaw strumenti nukleari lanqas ma jqiegħdu strumenti bħal dawn fuq vetturi tal-kunsinna, u li jwaqqfu l-iżvilupp u t-tiftiħ ta' missili ballistiċi kapaċi li jikkunsinnaw testati nukleari;

Billi f'dawn id-dikjarazzjonijiet l-Unjoni rrepetiet ukoll ir-rabta sħiħa tagħha mat-Trattat tan-Non-Proliferazzjoni ta' Armi Nukleari (NPT) bħala bażi tar-reġim globali tan-non-proliferazzjoni u fondazzjoni essenzjali għall-insegwiment tad-diżarmament nukleari, u stqarret li l-għan tagħha ikompli jkun l-adeżjoni mill-pajjiżi kollha, inkluż l-Indja u l-Pakistan, mal-NPT kif inhi, mingħajr l-ebda modifikazzjonijiet;

Billi l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti kkundanna l-Provi Nukleari ta' l-Indja u l-Pakistan fir-Risoluzzjoni tiegħu Nru 1172 tas-6 ta' Gunju 1998;

Billi l-Konferenza dwar id-Diżarmament qablet fil-11 t'Awissu 1998 li tistabbilixxi kumitat *ad hoc* biex jinnegozja trattat mhux diskriminatorju multilaterali, u internazzjonalment u effetivament verifikabbli, li jipprojbixxi l-produzzjoni ta' materjal fissili għall-armi nukleari jew strumenti nukleari splussivi oħra,

IDDEFINIXXA L-POŻIZZJONI KOMUNI LI ĠEJJA:

Artikolu 1

L-għan ta' din il-Pożizzjoni Komuni għandu jkun li jikkontribwixxi għan-non-proliferazzjoni ta' missili nukleari u ballistiċi fl-Asja ta' Nofs in-Nhar u għall-bini ta' fiduċja u ħelsien mill-konflitt fil-konsegwenzi tal-provi ta' l-armi nukleari mmexxija mill-Indja u mill-Pakistan f'Mejju 1998.

Artikolu 2

1. L-Unjoni Ewropea għandha, b'mod partikolari, tippromovi u tappoġġa l-isforzi tal-komunità internazzjonali biex tmexxi 'l quddiem l-għanijiet ta' non-proliferazzjoni rigward l-esportazzjonijiet ta' materjal, apparat u teknoloġija kkontrollati taħt il-Listi tal-Grupp Trigger tal-Fornituri Nukleari u ta' l-Użu Doppju u l-Anness dwar ir-Reġim tal-Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili.

2. Għal dan il-għan, l-Unjoni għandha wkoll tappoġġa l-isforzi tal-komunità internazzjonali biex takkwista bini ta' fiduċja akbar qalb l-Indja u l-Pakistan u fir-reġjun in ġenerali.

Artikolu 3

L-appoġġ ta' l-Unjoni għandu jinkludi:

— kontribuzzjoni attiva ta' l-Unjoni waqt li jkunu qed isiru inkontri bilaterali ma' l-Indja u l-Pakistan kif ukoll f'diversi fora internazzjonali f'dan ir-rigward,

— il-promozzjoni ta', u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji u konċettwali għal, diversi seminars u inizzjattivi oħra li jiffokaw fuq it-tkabbir tal-bini ta' fiduċja u ta' għanijiet ta' non-proliferazzjoni ta' teknoloġija nukleari u tal-missili fir-rigwad tar-reġjun ta' l-Asja ta' Nofs in-Nhar u fil-kuntest Asjatiku aktar wiesgħa,

— assistenza teknika liż-żewġ pajjiżi fir-rigward ta' l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tar-regolamenti dwar il-kontroll ta' l-esportazzjoni,

— rabta attiva mal-gruppi ta' esperti Ewropej, sabiex jippromovu għarfien reċiproku aħjar tal-fehmiet dwar in-non-proliferazzjoni u approċċ poltiku għar-riżoluzzjoni tal-konflitt.

Artikolu 4

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ dwar il-prijoritajiet, l-arranġamenti u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-inizjattivi msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Il-Kunsill jinnota li l-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tidderieġi l-azzjonijiet tagħha lejn l-akkwist ta' l-għanijiet u l-prijoritajiet ta' din il-Pożizzjoni Komuni, fejn xieraq, bil-miżuri pertinenti tal-Komunità.

Artikolu 6

Il-Kunsill ser jirrivedi l-implimentazzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni maħsuba biex jikkunsidra l-possibiltà ta' aktar miżuri oħra li għandhom jittieħdu mill-Unjoni.

Artikolu 7

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 t'Ottubru 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHÜSSEL